**30 ta' Marzu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Zammit

**Offiżi Volontarji fuq il-Persuna - Daqqa ta' Ħarta - Offiża Gravissima - Kawża Aċċidentali li Tinqala' Wara - Rikors ta' Appell: Aggravji**

*Fil-liġi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jaghmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-aġent tkun li jaghmel ħsara, żghira kemm hi żghira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jaghmel, hu jrid iwieġeb ghall-*

*konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew adirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fit-tessuti.*

*Is-sempliċi uġigħ ikkaġunat minn daqqa jew percossa tammonta għal ħsara (fil-ġisem jew fis-saħħa) fis-sens ta' l-artikolu 214 tal-liġi tagħna. Huwa proprju għalhekk ukoll li min, bl-iskuża tal-korrezzjoni, isawwat u per konsegwenza iweġġa' tfal, jista' jkun ħati ta' dan ir-reat.*

*Waħda mill-kwistjonijiet dibattuti fit-tul u xi kultant anke b'mod akkanit, speċjalment taħt ir-reġim tal-Codice Zanardelli kienet jekk id-daqqa ta ħarta għandhiex titqies bħala leżjoni personali (jiġifieri offiża fuq il-persuna) jew inġurja. Il-Qorti osservat li din il-kwistjoni tirrisolvi ruħha verament f'waħda ta' fatt. Jekk mill-kumpless taċ-ċirkostanzi pre-eżistenti, konkomitanti u susseġwenti għall-att materjali jkun jirriżulta li dak l-att materjali sar bl-intenzjoni li wieħed jikkawża imqar ftit sensazzjoni ta' uġigħ, allura hemm l-*animus nocendi *u wieħed ikun qiegħed fil-kamp ta' l-offiża volontarja fuq il-persuna. Din l-intenzjoni ġenerika tista' tikkoeżisti ma' intenzjoni speċifika, bħalma, huma l-*animus injuriandi *jew l-*animus corrigendi *- eż. persuna tweġġa' lil dak li jkun bl-iskop li toffendiha - b'mod li fin-nuqqas ta' reat jkun hemm konkors ta' reati. Jista' jkun hemm ukoll ċirkostanzi li juru li l-kuntatt bejn l-id u l-wiċċ tant kien ħafif li wieħed lanqas jista' jitkellem aktar dwar "daqqa" u b'mod għalhekk li tiġi eskluża l-intenzjoni li wieħed jikkawża anke l-minimu ta' uġigħ.*

*L-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar l-offiża "gravissima" jipprovdi għal piena minn minimu ta' disa' xhur sa massimu ta' disa' snin. Din il-gamma hekk wiesa' hi ċertament intiża sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u dan hu aktar importanti li jkun hekk in vista tal-prinċipju *dolus indeterminatus determinatur ab exitu,

*meta allura jista' jkollok persuna li riedet tagħmel ftit ħsara iżda spiċċat trid twieġeb għall-ħsara kollha li effettivament ikkaġunat.*

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem interpretat l-artikolu 419 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali bħala li jfisser li ebda aggravju li ma jkunx miġjub fir-rikors ma jista' jiġi kkunsidrat. Il-Qorti ddipartiet minn din l-interpretazzjoni eċċezzjonalment u fl-interess tal-ġustizzja biss.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Emanuel Zammit talli fi Triq Reġjonali, Kappara, limiti tal-Gżira, fl-10 ta' Jannar, 1995 għall-ħabta tas-1.30 p.m., mingħajr ħsieb li joqtol lil Joseph Arry ta' sittin sena jew li jqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar, ikkaġunalu feriti ta' natura gravi, skond ma ċċertifikaw it-tobba Dott. D. Vella Baldacchino MD u Dott. R. Debono MD;

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Novembru, 1995;

Rat il-kunsens ta' l-imsemmi Zammit, irreġistrat fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 1996, sabiex il-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja mill-Qorti Inferjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Marzu, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Zammit ħati skond l-imputazzjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikoli 214, 215 u 218 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu sitt snin priġunerija kif ukoll ikkundannatu jħallas l-ispejjeż kollha inkorsi f'dik il-kawża fi żmien sittin ġurnata minn meta jiġi hekk innotifikat mir-Reġistratur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Emanuel Zammit minnu pprezentata fl-4 ta' April, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż n-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri ta' l-appellant tat-3 ta' Ottubru, 1997, kif ukoll ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Ottubru, 1997; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

*Omissis*;

Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-aġent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta' leżjoni fit-tessuti. L-artikolu 214 tal-Kap. 9, meta jitkellem dwar "... ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna .. jew diżordni f'moħħa ..." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-artikolu 372 tal-*Codice Zanardelli:*

"*Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, è punito ...*";

Luigi Majno jikkummenta hekk din id-disposizzjoni:

"*Il codice italiano fa consistere il reato in esame in qualunque pregiudizio possa essere recato al corpo, alla salute*

*o alla mente di un uomo, che perciò rimane offeso nella sua integrità personale. Con ciò, seguendo il più moderno indirizzo della dottrina e della legislazione, si è allegata la nozione di questo reato dalle soluzioni di continuità nel corpo umano con effusione di sangue, e dalle violenze che senza effusione di sangue cagionano un dolore fisico, fino a comprendere anche le perturbazioni recate alla mente di un uomo d'altrui opera malvagia o colposa. E il codice italiano - come spiega la relazione ministeriale sul progetto del 1887 - adottò pertanto (in conformità al codice toscano) il titolo di lesione personale che si riferisce all'effetto dell'azione, anzichè quello usato dal codice sardo, di ferite e percosse, con le quali espressioni è anche imperfettamente designato il fatto criminoso, che può dipendere da altre e ben diverse cause di nocumento corporale. Specificando poi i vari effetti nei quali la lesione può consistere - e cioè danno nel corpo o nella salute o perturbazione di mente - il codice italiano volle essere più esatto e completo del codice toscano, che non menzionava la salute e parlava invece, oltre che di danno al corpo, anche di dolore, che è pur esso, fisiologicamente, un danno*" (Majno, L. *Commento al Codice Penale Italiano*, UTET (1924), Vol. 3, pp. 292-293, para. 1630);

U Giulio Crivellari jkompli jippreċiża:

"*Il criterio essenziale del delitto di lesione sta in una atto materiale, che produce una minorazione ad un uomo del godimento della sua personalità senza distruggerla, un dolore fisico, un detrimento nel corpo o un disturbo al suo intelletto*" (Crivellari, G., *Il Codice Penale per il Regno d'Italia*, Unione Tipografico (Torino), 1896, Vol. VII, p. 860, para. 60);

Fi kliem ieħor, anke s-sempliċi uġigħ ikkaġunat minn daqqa jew *percossa* tammonta għal ħsara (fil-ġisem jew fis-saħħa) fis-sens ta' l-artikolu 214 tal-liġi tagħna. Huwa proprju

għalhekk ukoll li min, bl-iskuża tal-korrezzjoni, isawwat u per konsegwenza iweġġa' tfal, jista' jkun ħati ta' dan ir-reat (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Anthony Galea**);

Isegwi minn dan kollu li anke l-intenzjoni li wieħed jikkaġuna sensazzjoni ta' uġigħ - anke jekk mhux neċessarjament xi uġigħ kbir jew li jippersisti għal xi tul ta' żmien - f'persuna oħra tammonta għall-*animus nocendi* jew *animus laedendi* meħtieġ għall-finijiet tar-reat in diżamina. Fil-każ preżenti l-appellant, fir-rikors ta' appell tiegħu, jistaqsi "jekk jistax jingħad u jiġi aċċertat illi d-daqqa ta' ħarta riżultanti minn dawn il-proċeduri hijiex prova <u>*prima facie*</u> ta' *animus nocendi*. Fil-fatt, waħda mill-kwistjonijiet dibattuti fit-tul, u xi kultant anke b'mod akkanit, speċjalment taħt ir-reġim tal-*Codice Zanardelli*, kienet jekk id-daqqa ta' ħarta għandhiex titqies bħala leżjoni personali (jiġifieri offiża fuq il-persuna) jew inġurja (ara f'dan ir-rigward Crivellari, G. *op. cit.*, pp. 914-919; Majno, L. *op. cit.*, pp. 305-306, para. 1652; Manzini, V., *Trattato di Diritto Penale Italiano*, UTET (1951), Vol. VIII, para. 2937; Carrara, F., *Programma,* Parte Spec., Vol. III, para. 1839; nota). Din il-Qorti tara, però, li l-kwistjoni tirrisolvi ruħha verament f'waħda ta' fatt. Jekk mill-kumpless taċ-ċirkostanzi pre-eżistenti, konkomitanti u sussegwenti għall-att materjali jkun jirriżulta li dak l-att materjali sar bl-intenzjoni li wieħed jikkawża mqar ftit sensazzjoni ta' uġigħ, allura hemm l-*animus nocendi* u wieħed ikun qiegħed fil-kamp ta' l-offiża volontarja fuq il-persuna. Din l-intenzjoni ġenerika tista' tikkoeżisti ma' intenzjoni speċifika, bħalma huma l-*animus injuriandi* jew l-*animus corrigendi* - eż. persuna tweġġa' lil dak li jkun bl-iskop li toffendiha - b'mod li fin-nuqqas ta' reat spseċifiku li jikkomprendi kemm l-intenzjoni ġenerika kif ukoll dik speċifika jista' jkun hemm konkors ta' reati. Jista' jkun hemm ukoll ċirkostanzi li juru li l-kuntatt bejn l-id u l-wiċċ tant kien ħafif li wieħed lanqas jista' jitkellem aktar dwar "daqqa" u b'mod

għalhekk li tiġi eskluża l-intenzjoni li wieħed jikkawża anke l-minimu ta' uġigħ. Kif qalet il-Cassazione Taljana fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 1950 (Giust. pen., 1950.II.731):

"*Lo schiaffo costituisce percossa, fatta eccezione del caso assai raro in cui, per la condizione sociale della persona e l'età dell'offensore e dell'offeso, per l'atteggiamento assunto dal primo in dipendenza dai motivi e sopratutto per il modo con cui abbia avvicinato la mano al volto del soggetto passivo, appagandosi del semplice gesto, in guisa da venire appena e leggermente in contatto con esso, risulti manifesto che non siasi voluto cagionare un dolore fisico sia pur minimo, bensi recare soltanto offesa*";

Wara li din il-Qorti eżaminat il-provi kollha, hi sodisfatta li d-daqqa ta' ħarta li l-appellant ta lil Arry kienet intiża biex tagħmel ħsara fis-sens fuq imemmi. Mix-xiehda li l-appellant ta quddiem il-perit Dott. J. Galea Debono ftit sigħat biss wara l-inċident, jirriżulta ċar li hu xejjer id-daqqa ta' ħarta f'mument ta' rabja, meta allura wieħed għandu għaliex jaħseb li aktar kellu, fis-saħna tal-mument, l-intenzjoni ġenerika li jagħmel ħsara;

*Omissis*;

Aggravju ieħor ta' l-appellant jirrigwarda l-effett li seta' kellu l-ħġieġ imkisser fl-art u li, skond ix-xhieda, Arry żelaq fuqu. Din il-Qorti tara li anke jekk Arry żelaq fuq dan il-ħġieġ dan kien dovut għall-fatt li żbilanċja ruħu mad-daqqa ta' ħarta. Il-ħġieġ, għalhekk, ma interrompiex in-ness ta' kawża u effett bejn l-għemil ta' l-appellant u l-ħabta ta' ras Arry mat-*tarmac* jew mas-*centre strip* (għalkemm seta' kkontribwixxa għal dan il-fatt) u dan peress li l-presenza ta' dan il-ħġieġ ma kienx xi fatt jew ċirkostanza eċċezzjonali li wieħed ma setax

raġonevolment jinduna jew ikun jaf biha, anke tenut kont tal-ħin li fih ġara l-inċident ċjoè fid-dawl tax-xemx u għalhekk meta l-ħġieġ kien jidher (ara f'dan is-sens Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale* - Parte Generale, Giuffrè (Milano), 1989, pp. 214-215). Anqas jista' jingħad li dan il-ħġieġ kien xi "kawża aċċidentali li nqalgħet wara" fis-sens ta' l-artikolu 219 tal-Kodiċi Kriminali; il-ħġieġ imkisser fuq il-post ippreċeda, u mhux ġie wara, id-daqqa ta' ħarta. Dan il-ħħieġ għandu jitqies bħala sempliċi ċirkostanza ambjentali li l-appellant seta' raġonevolment ikun jaf biha fil-waqt li hu ddeċidieda li jagħti d-daqqa ta' ħarta. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi ukoll respint;

Aggravju ieħor ta' l-appellant (paragrafu numru (4) tar-rikors) hu fis-sens li r-reat li jemerġi mill-provi hu wieħed kolpuż u mhux doluż. Għar-raġunijiet ġà mfissra din il-Qorti sempliċement ma taqbilx;

L-aggravju fil-paragrafu (5) tar-rikors hu, bażikament kritika ta' ċerti espressjonijiet użati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fir-rigward ta' l-apprezzament tal-provi. Din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tidħol fid-diversi argumenti u lamenteli ssollevati mill-appellant f'dan ir-rigward ġaladarba diġà esprimiet ruħha dwar id-dinamika ta' l-inċident aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

L-appellant jilmenta ukoll dwar il-fatt li hu ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż peritali kollha. L-appellant, però, jidher li ma qarax sew is-sentenza ta' din il-Qorti, minnu stess ċitata fir-rikors ta' appell, u ċjoè **Il-Pulizija *vs* Trevor Farrugia** (29/1/96). A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għal dik il-parti ta' dik is-sentenza li tirreferi għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali. Fil-każ odjern, l-esperti nnominati fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* ġew ikkonfermati fl-istruttorja (ara fol. 8) u dawn, ad eċċezzjoni tal-perit Dott. Joseph Galea Debono u tal-

perit fotografu PC 550 George Zammit, espletaw l-inkarigu tagħhom meta xehdu fl-istruttorja. Dott. Galea Debono u l-imsemmi fotografu, invece, kienu rrelataw fl-atti ta' l-inkjesta, u fl-istruttorja sempliċement ikkonfermaw ir-relazzjonijiet tagħhom. Għalhekk l-ordni ta' l-Ewwel Qorti dwar l-ispejjeż peritali ser jiġi varjat biss fis-sens li kwantu jirrigwarda l-espert Dott. J. Galea Debono u l-espert PC 550 George Zammit, l-ispejjeż li l-appellant għandu jħallas huma dawk konnessi mad-deposizzjoni tagħhom fil-kors ta' l-istruttorja (jekk kien hemm spejjeż fl-istruttorja) iżda mhux ukoll l-ispejjeż konnessi mad-deposizzjoni tagħhom u mar-relazzjoni u ritratti mogħtija u esebiti fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*;

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu tat-3 ta' Ottubru, 1997, l-appellant effettivament qajjem aggravju ġdid konsistenti filli ma hemmx in-ness bejn l-att li għamel hu u l-konsegwenzi li sofra Arry. L-appellant jipotizza s-sitwazzjoni fejn il-ħsara - jew parti mill-ħsara - interna li sofra Arry kienet dovuta għal *whiplash injury* li sofra fil-ħabta bejn il-karozza tiegħu u t-*taxi*, b'mod għalhekk li Arry kien jidħol f'koma anke li kieku ma seħħx l-inċident tal-waqa' tiegħu ma' l-art. In sostenn ta' din l-ipotesi jesebixxi diversi fotokopji ta' letteratura medika. Dan l-aggravju ser jiġi respint għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett dan hu aggravju ġdid li mhux inkluż fir-rikors ta' appell. Din il-Qorti dejjem interpretat l-artikolu 419 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali bħala li jfissser li ebda aggravju li ma jkunx miġjub fir-rikors ma jista' jiġi kkunsidrat. Veru li eċċezzjonalment u fl-interess tal-ġustizzja ġieli l-Qorti ddipartiet minn din l-interpretazzjoni, iżda fil-każ odjern, l-appellant kellu 'l fuq minn sena u nofs żmien (ċjoè minn mindu xehed il-Professur Zrinzo fit-3 ta' Lulju, 1995, sad-data tas-sentenza) biex jesplora l-ipotesijiet miġjuba fl-imsemmija nota, okkorrendo bin-nomina ta' esperti u bl-eżami dettaljat tal-kartella klinika ta' Arry. Minn dan kollu ma sar xejn. Il-Qorti tosserva in partikolari li ż-żewġ artikoli esebiti - *Vertebral Artery Injuries in Road Traffic*

*Accidents: A Post Mortem Study* u *Traumatic Rupture of Intracranial Vertebral Artery due to Hyperextension of the Head: Reports of Three Cases* - ġew ippubblikati fl-1986 u fl-1990 rispettivament u għalhekk kellhom ikunu a konoxxenza ta' espert patologu li talvolta seta' ġie nnominat; kif ukoll ta' kwalsiasi patologu li seta' kien qed jgħin *ex parte* lill-appellant fil-preparazzjoni tad-difiża tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Qorti ma tistax sempliċement tiġi ppreżentata b'letteratura medika biex tiġbed minnha xi konklużjonijiet bħallikieku qed jixhed xi espert. Però, aktar importanti hu l-fatt li mill-atti proċesswali l-unika kawża li tirriżulta ta' l-offiżi li ġarrab Arry - il-ksur tal-kranju fuq il-lemin u l-leżjonijiet tal-moħħ - hi l-ħabta ta' rasu mat-*tarmac* jew mat-tarf tas-*centre strip* (li ħalliet il-qasma - lacero-kontużjoni, iżda mhux frattura ta' l-għadam - fuq wara ta' rasu, l-iskutella) (ara in partikolari d-deposizzjoni tal-Professur Zrinzo a fol. 95 u 96 ta' l-atti). It-teżi avanzata mill-appellant fin-nota msemmija, u ċjoè li s-*subarachnoid haemorrage* kien dovut għall-*whiplash injury* tal-ħabta bejn iż-żewġ karozzi tibqa' sempliċement ipotesi fir-relm tal-possibbli u għalhekk ta' ebda utilità lill-appellant. Huwa kważi impossibbli li wieħed jixxindi l-emoraġija mill-frattura ta' l-għadam tal-kranju fuq il-lemin u wieħed ma jistax jifhem kif din il-frattura ta' l-għadam setgħet ġrat b'sempliċi *whiplash effect*. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan l-aggravju qed jiġi respint;

L-appellant jilmenta ukoll dwar il-piena. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ta' sitt snin priġunerija mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet manifestament sproporzjonata għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Jidher mil-lokuzzjoni użata f'dik is-sentenza li l-Ewwel Qorti kienet indebitament impressjonata bil-fatt - li, kif ingħad, baqa' ma ġiex ippruvat skond il-liġi - tal-mewt ta' Arry, mewt li fi kwalunkwe każ l-appellant ma ġiex akkużat biha. L-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali li taħtu ġie misjub ħati l-appellant u li jitkellem dwar l-offiża "gravissima" jipprovdi għal piena minn minimu ta' disa' xhur sa massimu ta' disa'

snin. Din il-gamma hekk wiesa' hi ċertament intiża sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ; u dan hu aktar imprtanti li jkun hekk *in vista tal-prinċipju dolus indeterminatus determinatur ab exitu* meta allura jista' jkollok persuna li riedet tagħmel ftit ħsara iżda tispiċċa trid twieġeb għall-ħsara kollha li effettivament ikkaġunat. *Fil-każ in* diżamina l-appellant għamel dak li ma messu qatt għamel, u ċjoè refa' jdejh fuq ħaddieħor, u per di più fuq persuna aktar anzjana minnu, fil-kors ta' diverbju u ta' skambju ta' kliem anke baxx. Mill-banda l-oħra, l-aħħar ħaġa li wieħed kien jistenna kienet li sempliċi daqqa ta' ħarta tipproduċi dawk il-konsegwenzi kollha li seħħew. Għalhekk hemm lok ta' temperament qawwi fil-piena;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikundannat lill-appellant "iħallas l-ispejjeż kollha rikorsi f'din il-kawża fi żmien sittin ġurnata minn meta jiġi notifikat mir-Reġistratur tal-Qorti" u minflok tikkundannah iħallas l-ispejjeż peritali kollha ad eċċezzjoni ta' dawk konnessi mal-ħatra u l-inkarigu ta' Dott. Joseph Galea Debono u PC 550 George Zammit, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ esperti l-ispejjeż li l-appellant qed jiġi kkundannat iħallas huma dawk biss (jekk kien hemm) konnessi mad-deposizzjoni tagħhom fl-istruttorja, tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' sitt snin priġunerija u minflok tikkundannah għall-piena ta' (14) erbatax-il xahar priġunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. U wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tordna li din il-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk l-imsemmi Emanuel Zammit, matul il-perijodu ta' (4) erba' snin mil-lum, jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat bi kliem ċar lill-appellant ir-responsabilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta'

priġunerija;

Fl-aħħarnett, wara li rat l-artikolu 523 tal-Kodiċi Kriminali, peress li din il-Qorti għandha suspett raġonevoli li x-xhud John Bugeja xehed il-falz quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Frar, 1997 tordna li dan John Bugeja jinġieb quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-kumpilazzjoni meħtieġa, u għalhekk tordna l-komunika immedjata ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija.